MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2011

Numru 550/2009

Il-Pulizija
(Spettur Spiridione Zammit)

vs

Dylan Degiorgio

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta' karta tal-identita b'numru 151893M, akkuzat talli:

- Talli nhar it 8 ta' Gunju 2009 u fi granet u xhur qabel b'diversi atti, maghmulin f'hinijiet differenti f'dawn il-gzejjer li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'risoluzzjoni wahda u dan bi ksur tal-Art 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

1. Nhar it-8 ta' Gunju 2009, mill-fond tal-genituri tieghu li jinsab fin-numru 417 Fgura Arcades, Flat 6 Triq Haz-Zabbar Fgura, ikkommetta serq ta' DVD tal-ghamla Kenon, mudell HEM- 444 u numru tas-serje: 07121434, liema DVD jiswa madwar 60 euros, ghad-dannu tal-genituri tieghu Mario u Connie Degiorgio mill-Fgura, u liema serq hu kkwalifikat bil-persuna, u bil-lok;

2. aktar talli, fix-xahar ta' Jannar u/jew Frar 2009, mill-fond tal-genituri tieghu li jinsab fin-numru 417 Fgura Arcades, Flat 6 Triq Haz-Zabbar Fgura, ikkommetta is-serq ta' zewg mobile phones ta' l-ghamla Nokia u LG Shine, ghad-dannu ta' ommu Connie Degiorgio mill-Fgura, liema mobile phones jiswew 'il fuq minn 232.94 euros u liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-lok;

3. u aktar talli, fix-xahar ta' Jannar u/jew Frar 2009, mill-fond tal-genituri tieghu li jinsab fin-numru 417 Fgura Arcades, Flat 6 Triq Haz-Zabbar Fgura, ikkommetta is-serq ta' curkett tad-deheb ghad-dannu ta' missieru Mario Degiorgio, liema curkett jiswa madwar 232.94 ewro u liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-lok;

4. Fix-xhar ta' April 2009, mill-fond tal-genituri tieghu li jinsab fin-numru 417 Fgura Arcades, Flat 6 Triq Haz-Zabbar Fgura, ikkommetta is-serq ta' Sony Playstation II ghad-dannu ta' missieru Mario Degiorgio, liema apparat jiswa madwar 546 euros u liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-lok;

5. Fil-perjodu ta' bejn Dicembru 2008 u Gunju 2009, f'diversi zminijiet, mill-fond tal-genituri tieghu li jinsab fin-numru 417 Fgura Arcades, Flat 6 Triq Haz-Zabbar Fgura, ikkommetta s-serq ta' madwar 1000 euros ghad-dannu ta' hutu u tal-genituri tieghu, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-lok;

6. Akkuzat ukoll talli fil-perjodu ta' bejn Dicembru 2008 u Gunju 2009, mill-fond tal-genituri tieghu li jinsab fin-numru 417 Fgura Arcades, Flat 6 Triq Haz-Zabbar Fgura, ikkommetta s-serq ta' Camera tar-ritratti, ghamla, u mudell

u numru  tas-serje mhux maghrufa, liema Camera tar-ritratti kienet tiswa madwar 232.94 euros  ghad-dannu tal-genituru tieghu Mario u Connie Degiorgio mill-Fgura, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-persuna, u bil-lok;

7. w aktar akkuzat talli, fil-perjodu ta’ bejn Dicembru 2008 u Gunju 2009, mill-fond tal-genituri tieghu li jinsab fin-numru 417 Fgura Arcades, Flat 6 Triq Haz-Zabbar Fgura, ikkommetta s-serq ta’ Crash Helmet, ghamla mhux maghrufa, liema Crash Helmet kienet tiswa madwar 581.40 euros ghad-dannu ta’ missieru Mario Degiorgio u liema serq hu ikkwalifikat bil-valur, bil-persuna, u bil-lok;

8. akkuzat ukoll talli, fil-perjodu ta’ bejn Dicembru 2008 u Gunju 2009, fi diversi zminijiet mill-fond tan-nanna tieghu, li jinsab fi Triq it-Torri, gewwa Bormla, ikkommetta s-serq ta’ madwar 100 ewro ghad-dannu ta’ nanntu Mary Moon liema serq hu kkwalifikat bil- persuna, u bil-lok;

9. b’hekk kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona LL.D. Fil-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, nhar it-23 ta’Lulju 2008.

Semghet lil imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

l-akkuzi kollha jittrattaw serq mill-genituri li sostnew il-kwerela ai termini tal-Artikolu 331 tal-Kap 9 b’imputtazzjoni wahda titratta serq minghand axxendent.

Billi jirrisulta li presentatment l-imputat qieghed jinzamm il-habs fuq arrest preventiv u ilu hemm mizmum mis- 16 ta’ Settembru 2010.

Stante li llum l-komportament tal-imputat tbiddel radikalment u mhiex il-fehma ta’ din il-Qorti u lanqas tal-

genituri tieghu li l-imputat binhom jigi ikkundannat perjodu ta’ prigunerija

Rat l-Artikolu 261 (c)(e), 267, 269 (g), 279 (b), 280 u 17 (b), 49 u 50 tal-Kap 9;

Issibu hati;

Tapplika l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta’ tlett snin mill- lum.

Il-Qorti fehmet lill-imputat r-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------